MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 2/2011

**Geswalda Buttigieg**

**Vs**

**Publius Buttigieg u Loreto Buttigieg**

Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda titlob li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legat imholli lilha minn zewgha Emmanueel sive Emmanuel Buttigieg li miet fl-4 ta’ Frar 2005. Permezz ta’ testment li ghamel fit-18 ta’ Ottubru 2003 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani (fol. 7) hu halla b’legat lil martu l-attrici s-sehem tieghu *“… mid-dar tar-residenza bla numru bl-isem Buttigieg u bil-garage u mandra annessi, fi Triq Ghajnsielem, Ghajnsielem, Ghawdex, bl-oggetti mobbli kollha fiha kontenuti a limine intus, kollox inkluz u xejn eskluz…….”*.

Il-konvenut Loreto Buttigieg minkejja li kien notifikat baqa' ma pprezentax risposta guramentata fit-terminu stabbilit mil-ligi.

Il-konvenut Publius Buttigieg m'huwiex jopponi t-talba b'dan pero li jinsisti li l-attrici, li tigi ommu, tirrispetta dak li jinghad fl-Artikolu Tlieta tat-testment, cjoe' *"It-testaturi jhallu b'titolu ta' prelegat u ghal wara l-mewt tat-testatur superstiti, a favur ta' binhom Publius Buttigieg, id-dritt ta' uzu u abitazzjoni gratuwitu fid-dar tar-residenza taghhom fuq imsemmija, kif ukoll l-uzufrutt ta' l-oggetti kollha mobbli fiha kontenuti a limine intus, kollox inkluz u xejn eskluz, u dana bl-ezenzjoni mill-obbligu tal-formazzjoni ta' l-inventarju u tal-prestazzjoni tal-kawzjoni altrimenti disposti mil-Ligi."*. L-istess konvenut iddikjara li hu dispost li jiffirma l-immissjoni fil-pussess, b'dan li jrid li jigi dikjarat li l-fond hu soggett ghad-dritt ta' uzu u abitazzjoni gratuwitu favur Publius Buttigieg.

Wara li l-qorti semghet il-provi, u s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet u rat l-atti, tosserva:-

a. M'hemmx dubju li ghandha ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legat li Emmanuel Buttigieg, li miet fl-4 ta' Frar 2005, halla lil martu Geswalda Buttigieg.

b. Il-kundizzjoni li l-konvenut Publius Buttigieg qieghed jinsisti li titnizzel fl-att ta' immissjoni fil-pussess m'hijiex flokha. Id-dritt ta' uzu u abitazzjoni li jissemma fit-Tielet Artikolu m'ghandu l-ebda konnessjoni mal-immissjoni fil-pussess tal-legat imholli lill-attrici. Inoltre, fit-Tielet Artikolu jinghad car u u tond li l-prelegat jidhol fis-sehh wara l-mewt tal-ahhar wiehed mill-konjugi Buttigieg. In forza tal-legat Geswalda saret proprjetarja tal-fond kollu, u ghandha kull jedd li tvarja t-testment u taghmel li trid bi hwejjigha. Rilevanti wkoll li permezz tal-Hames Artikolu il-konjugi Buttigieg taw il-fakolta *"….. lit-testatur superstiti li jkun jista' jimmodifika l-prezenti disposizzjonijiet testamentarji ghal dak li jirrigwarda hwejjgu minghajr ma jinkorri l-penalitajiet altrimenti disposti mil-Ligi."* (fol. 8). Geswalda Buttigieg bhala s-sid tal-fond u tal-mobbli li hemm fih, m'ghandha l-ebda obbligu li toqghod ghal dak li

jinghad fit-Tielet Artikolu. Inoltre fil-legat imholli li l-konjugi Buttigieg hallew lil xulxin fit-Tieni Artikolu tat-testment ma tissemmix xi kundizzjoni fis-sens li l-proprjeta qeghda tithalla b'legat lis-superstiti soggetta ghal kundizzjoni li s-superstiti jhalli l-jedd ta' uzu u abitazzjoni li Publius Buttigieg. Dan apparti l-fatt jekk Geswalda Buttigieg kellha taghmel testment iehor u tirrevoka it-Tielet Artikolu, ma tarax kif Publius Buttigieg jista' qatt ikollu l-uzu u l-abitazzjoni ta' sehem indiviz mill-fond provenjenti mill-wirt ta' missieru. Taqbel jew ma taqbilx mal-osservazzjonijiet tal-qorti, l-immissjoni fil-pussess tal-legat imholli lil Geswalda Buttigieg ma jiddependix minn xi dikjarazzjoni li l-legatarja taccetta li wara mewtha Publius Buttigieg ghandu d-dritt ghall-uzu u abitazzjoni tal-fond in kwistjoni. It-Tieni u t-Tielet Artikolu tat-testment jipprovdu ghal zewg legati indipendenti minn xulxin, u Publius Buttigieg ma kellu l-ebda jedd li jirrifjuta l-immissjoni fil-pussess jekk ommu ma reditx, kif jallega, li fl-att ta' immissjoni titnizzel klawzola fis-sens li l-fond hu soggett ghad-dritt ta' uzu u abitazzjoni gratuwitu favur Publius Buttigieg.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Publius Buttigieg u tilqa' t-talbiet tal-attrici u ghalhekk:-**

**1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex bhala werrieta ta' missierhom Emanuel Buttigieg jimmettu lill-ommhom Geswalda Buttigieg fil-pussess tal-legat imholli lilha minn zewgha fit-testment *unica charta* tat-18 ta' Ottubru 2003 pubblikat min-nutar Dr Paul George Pisani, u cjoe' s-sehem rispettiv tieghu *"…. mid-dar tar-residenza bla numru bl-isem "Buttigieg" u bil-garage u mandra annessi, fi Triq Ghajnsielem, Ghawdex, bl-oggetti mobbli kollha fiha kontenuti a limine intus, kollox inkluz u xejn eskluz…."*.**

**2. Tinnomina lin-nutar Dr Paul George Pisani sabiex jippubblika l-att relattiv u li Dr Damian Bigeni bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci.**

**3. Tordna li l-att relattiv jigi pubblikat fil-11 ta' Marzu 2011 fin-12.30 p.m. fil-bini tal-Qorti.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti. Il-qorti wara li semghet lill-konvenut jixhed u rat l-atti, qeghda tordna li jitnehha lilu l-beneficcju tal-ghajnuna legali peress li hi tal-fehma li ma kellux raguni tajba biex jiddefendi ruhu u f'kull kaz fuq bazi ta' probabilita Il-valur tal-gid li ghandu u l-qliegh tieghu jeccedu l-ammonti li jissemmew fl-Artikolu 912 tal-Kodici Civili[1].**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] In vista ta' din id-dikjarazzjoni m'hemmx htiega li jinghata provvediment fir-rigward tar-rikors prezentat mill-attrici fis-7 ta' Frar 2011.